# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

# IMĦALLEF

# ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM il-Ħamis, 13 ta' Jannar, 2022**

**Kawża Nru. 1**

**Rik. Nru. 1196/10JRM**

Dr Franco **MERCIECA**

vs

**IL-KUNSILL MEDIKU**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fid-19 ta' Novembru, 2010, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-attur talab li din il-Qorti (i) ssib li huwa ġarrab ksur tal-prinċipji ta' ġustizzja naturali u li, barra minn hekk, id-deċiżjoni ta' sospensjoni mogħtija dwaru mill-imħarrek Kunsill Mediku fid-19 ta' Mejju, 2010, hija *ultra vires* u għaldaqstant nulla u bla effett; (ii) issib li huwa ġarrab danni minħabba dik id-deċiżjoni; (iii) tillikwida d-danni minnu mġarrba u (iv) tikkundanna lill-Kunsill imħarrek sabiex iħallas id-danni hekk likwidati. Talab ukoll l-ispejjeż marbuta mal-ittra uffiċjali u l-imgħax legali mid-data tas-sospensjoni skond id-deċiżjoni;

Rat id-digriet tagħha tal-25 ta' Novembru, 2010[1], li bih ordnat in-notifika lill-Kunsill imħarrek u tat direttivi lill-attur dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tiegħu;

Rat it-Twegiba Maħlufa mressqa fid-9 ta' Diċembru, 2010, li biha l-Kunsill imħarrek laqa' għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, qal li l-azzjoni tressqet qabel waqtha billi mid-deċiżjoni tal-Kunsill tressaq appell mill-attur innifsu. Fil-mertu, ċaħad li fil-każ tal-attur mexa b'mod *ultra vires* billi l-liġi tippermetti lill-Kunsill jagħlaq inkjesta wara sentejn mill-ftuħ tagħha meta għad-dewmien ma jkunx jaħti l-istess Kunsill. Ċaħad li lill-attur tah piena li ma taqax taħt il-kompetenza tiegħu u li r-raġuni għaliex ma ressaqx ir-rakkomandazzjoni għal sospensjoni quddiem il-President ta' Malta kien għaliex l-attur appella mill-istess sentenza. Ċaħad ukoll li l-attur ma kienx jaf bl-akkużi miġjuba kontrih meta deher quddiemu. Fl-aħħar nett, ċaħad li l-attur ġarrab xi danni u għaldaqstant ma hemm ebda danni x'jiġu likwidati u mħallsa;

Rat id-degriet tagħha tas-27 ta' Ottubru, 2014[2], li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija laqgħet talba magħmula mill-attur b'rikors tiegħu tat-13 ta' Awwissu, 2014, biex jibdel b'xi żieda l-ewwel talba tiegħu;

Rat id-degriet tagħha tal-11 ta' Novembru, 2014[3], li bih u fuq talba magħmula mid-difensur tal-attur waqt dak is-smigħ, ordnat li jinġiebu quddiemha l-atti tar-Rikors tal-appell Numru 146/10 maqtugħ b'sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-28 ta' Marzu, 2014, u sabiex il-provi f'dak il-proċess ikunu jgħoddu bħala atti u provi relevanti għal din il-kawża;

Semgħet ix-xhieda u rat il-provi dokumentali mressqa quddiemha mill-partijiet;

Rat id-digriet tagħha tad-19 ta' April, 2016[4], li bih tat lill-partijiet żmien sabiex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-attur fis-27 ta' Lulju, 2016[5];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-Kunsill imħarrek fis-27 ta' Settembru, 2016[6], bi tweġiba għal dik tal-attur;

---

[1] Paġġ 4 – 5 tal-proċess
[2] Paġ. 84 tal-proċess
[3] Paġ. 87 tal-proċess
[4] Paġ. 147 tal-proċess
[5] Paġġ. 148 sa 176 tal-proċess
[6] Paġġ. 179 sa 190 tal-proċess

Rat l-atti kollha tal-kawża u kif ukoll dawk tal-Appell Numru 146/10;

Rat id-digriet tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkonsidrat*:**

Illi din hija azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju. L-attur jilmenta li l-Kunsill imħarrek naqas li jħares il-prinċipji ta' ħaqq naturali u kiser is-setgħat mogħtija lilu mil-liġi meta, fi proċeduri mnedija kontrih fuq rapport ta' klijent tiegħu, il-Kunsill ta deċiżjoni wara li kienu għaddew aktar minn sentejn mill-ftuħ tal-inkjesta fil-konfront tiegħu u għaldaqstant tali deċizjoni hija nulla u bla effett. Jgħid ukoll li bl-aġir tal-Kunsill imħarrek huwa ġarrab danni u qiegħed jitlob li jiġi kumpensat għalihom;

Illi għal din l-azzjoni, il-Kunsill imħarrek laqa' billi, b'mod preliminari, qal li l-azzjoni tressqet qabel waqtha billi mid-deċiżjoni tal-Kunsill tressaq appell mill-attur innifsu. Fil-mertu, ċaħad li fil-każ tal-attur mexa b'mod *ultra vires* billi l-liġi tippermetti lill-Kunsill jagħlaq inkjesta wara sentejn mill-ftuħ tagħha meta għad-dewmien ma jkunx jaħti l-istess Kunsill. Ċaħad li lill-attur tah piena li ma taqax taħt il-kompetenza tiegħu u li r-raġuni għaliex ma ressaqx ir-rakkomandazzjoni għal sospensjoni quddiem il-President ta' Malta kien għaliex l-attur appella mill-istess sentenza. Ċaħad ukoll li l-attur ma kienx jaf bl-akkużi miġjuba kontrih meta deher quddiemu. Fl-aħħar nett, ċaħad li l-attur ġarrab xi danni u għaldaqstant ma hemm ebda danni x'jiġu likwidati u mħallsa;

Illi, fid-dawl tal-ewwel eċċezzjoni preliminari, b'degriet mogħti fit-3 ta' Frar, 2011, din il-Qorti ordnat li s-smigħ tal-kawża jieqaf biex jistenna x'se jiġri mill-appell li l-attur ressaq mid-deċiżjoni tal-Kunsill imħarrek f'Ġunju tal-2010. B'sentenza mogħtija fit-28 ta' Marzu, 2014, u għar-raġunijiet hemm imfissra, il-Qorti tal-Appell ċaħdet l-appell tal-attur u ħelset lill-Kunsill imħarrek mill-ħarsien tal-ġudizzju, bi spejjeż għall-attur appellant;

Illi bħala <u>fatti rilevanti illi joħorgu mill-atti</u> jirrizulta li l-attur huwa dentist u jagħti s-servizz tiegħu, fost oħrajn, fi klinika f'Għawdex. Fit-2 ta' Awwissu, 2007, wieħed Robert Thompson talab is-servizz tiegħu, u l-attur qdieh ġewwa l-klinika tiegħu f'Għawdex. Dan kien jeħtieġ il-mili ta' xi snien li kienu mħassrin. L-attur jgħid li għarrfu bil-prezz ta' kemm kien ser jiswielu s-servizz u Thompson ta l-kunsens tiegħu. Wara li l-attur lesta minn xogħlu, Thompson ħalla depożitu u baqa' mal-attur li l-għada kellu jgħaddilu d-differenza ta' dak li kien

dovut[7]. L-għada Thompson mar il-klinika tal-attur jilmenta li l-kont li tah l-attur kien għoli. F'ittra li bagħatlu fis-17 ta' Awwissu, 2007[8], Thompson talab lill-attur kumpens ta' seba' mitt lira Maltin (Lm700) għal servizz li ma kienx professjonali u xlieh li kien taqqbu ("*injected*") bla ma qieslu l-istorja medika tiegħu, u talli żamm id-deheb li neħħielu minn ċertu snien li mela. L-attur injora t-talba ta' Thompson. Permezz ta' ittra li ġġib id-data tas-16 ta' Ottubru, 2007, Thompson ressaq ilment mal-Kunsill imħarrek. Il-Kunsill imħarrek għarraf b'dan lill-attur[9], u l-attur wieġeb b'ittra tat-12 ta' Novembru, 2007[10] fejn ta spjegazzjoni ta' dak li ġara u ċaħad ix-xiljiet li Thompson ġab fil-konfront tiegħu;

Illi l-Kunsill imħarrek ordna li ssir inkjesta dwar l-imġiba tal-attur. L-attur ġie mgħarraf b'dan, bl-akkużi miġjuba kontrih u bid-data tal-ewwel smigħ permezz ta' ittra tas-17 ta' Diċembru, 2007. B'kollox, il-Kunsill imħarrek żamm erba' (4) seduti[11], bl-aħħar seduta ssir fid-19 ta' Mejju, 2010, li matulha ngħatat id-deċiżjoni li biha l-Kunsill sabu ħati ta' ksur ta' etika u imġiba professjonali[12] għall-finijiet tal-artikolu 32(1)(b) u (ċ) tal-Kapitolu 464 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi l-attur jilmenta illi matul il-proċeduri quddiem il-Kunsill imħarrek, ma kellux smigħ xieraq, ma ġiex aġġudikat minn persuni imparzjali, u ma kienx jaf bl-akkużi li tassew tressqu kontrih[13]. Il-Kunsill imħarrek jiċħad dawn ix-xiljiet[14], u jgħid li l-proċeduri saru għal kollox b'mod regolari;

Illi fl-4 ta' Ġunju, 2010, l-attur appella mid-deċiżjoni tal-Kunsill, u fid-19 ta' Novembru, 2010, hu fetaħ din il-kawża;

Illi fit-28 ta' Marzu, 2014[15], il-Qorti tal-Appell ċaħdet l-appell li kien ressaq u ħelset lill-Kunsill imħarrek mill-ħarsien tal-ġudizzju;

Illi l-<u>konsiderazzjonijiet legali</u> marbutin mal-każ li l-Qorti għandha quddiemha jitolbu li, qabel kollox u ladarba l-mertu tal-ewwel eċċezzjoni jinsab eżawrit, jiġi mistħarreġ is-siwi tat-tieni eċċezzjoni imressqa mill-Kunsill imħarrek li tolqot l-ewwel talba attriċi f'aspett partikolari tagħha. Il-Qorti tirrileva li, wara li l-attur ingħata permess li jibdel l-ewwel talba tiegħu, il-kawżali tal-azzjoni tiegħu kontra d-deċiżjoni tal-Kunsill imħarrek kienu (i) li l-mod kif il-Kunsill mexa fil-każ tiegħu sar b'nuqqas ta' tħaris tal-prinċipji ta' ħaqq naturali u li (ii) id-deċiżjoni mogħtija kienet '*ultra vires*' minħabba li (a) il-proċess kollu

[7] Ara affidavit tal-attur f'paġġ. 27 – 8 tal-proċess
[8] Dok. "B" f'paġ. 74 tal-proċess
[9] Dok. "Ċ" f'paġ. 75 tal-proċess
[10] Paġ. 16 tal-proċess tal-inkjesta bin-numru tar-reġistrazzjoni MC/79/2007
[11] Fl-4 ta' Marzu, 2008 – ara paġġ 41 sa 94 tal-proċess tal-inkjesta; 25 ta' Mejju, 2009 – ara paġġ. 142 sa 169 tal-proċess tal-inkjesta; 2 ta' Novembru, 2009 – ara paġġ. 174 sa 191 tal-proċess tal-inkjesta; u s-19 ta' Mejju, 2010 – ara paġ. 196 tal-proċess tal-inkjesta, ilkoll mehmużin mal-atti tal-Appell Nru. 146/10
[12] Ara paġġ. 197 sa 204 tal-proċess tal-inkjesta
[13] Affidavit tal-attur f'paġġ. 32 – 4 tal-proċess
[14] Nota ta' Sottomissjonijiet tal-Kunsill imħarrek f'paġġ. 187 – 8 tal-proċess
[15] Paġġ. 58 sa 61 tal-proċess

ħa żmien aktar mill-itwal żmien mogħti mil-liġi, (b) il-Kunsill ta piena li l-liġi li taħtha twaqqaf u (ċ) għaliex fl-ebda waqt ma kien mgħarraf x'kienu sewwasew ix-xiljiet li dwarhom il-Kunsill kien intalab jinvestigah;

Illi bit-tieni eċċezzjoni tiegħu l-Kunsill imħarrek jiċħad li mexa lil hinn mis-setgħat tiegħu ('*ultra vires*') bil-fatt li d-deċiżjoni taha aktar minn sentejn wara li nfetaħ il-każ tal-attur. Il-Kunsill jgħid li l-liġi – fl-artikolu 31(4) tal-Kapitolu 464 tal-Liġijiet ta' Malta – żmien biex tingħalaq inkjesta kontra tabib jew dentist jista' jtul għal aktar minn sentejn jekk kemm-il darba d-dewmien ma jkunx jaħti għalih l-istess Kunsill[16]. Minbarra dan, iżid jgħid li kemm damet għaddejja l-inkjesta kontrih, l-attur qatt ma qanqal il-kwestjoni taż-żmien li kien għaddej jew li dan kien twal aktar minn dak li titlob il-liġi;

Illi fil-każ tallum, ħareġ illi l-attur kien notifikat bil-ftuħ tal-inkjesta b'ittra tas-17 ta' Diċembru 2007, filwaqt li d-deċiżjoni fil-konfront tiegħu ngħatat fid-19 ta' Mejju, 2010, sentejn u ħames xhur wara[17]. Minħabba f'hekk, l-attur jisħaq li d-deċiżjoni hija '*ultra vires*';

Illi l-artikolu 31(4) tal-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa, fil-partijiet rilevanti għal dan il-każ, jipprovdi li: ".. *l-Kunsill rilevanti għandu jtemm l-inkjesta fi żmien sentejn mill-ġurnata li xi att tal-proċedimenti tal-inkjesta jiġi notifikat lill-parti akkużata dwar il-fatt jew l-inċident li jkun qiegħed jiġi mixli bih, ħlief meta d-dewmien iseħħ mingħajr ebda ħtija tal-Kunsill rilevanti*". L-artikolu 31 jitkellem dwar azzjonijiet dixxiplinari mill-Kunsill b'riħet xi lment minn xi persuna jew mill-Kunsill minn rajh ('*ex ufficio*'). Is-sanzjonijiet li l-Kunsill jista' jimponi fuq il-persuna akkużata f'każ ta' sejbien ta' ħtija jissemmew fl-artikolu 32 tal-istess Att;

Illi jidher li l-ligi tagħraf bejn iż-żmien li fih tista' tinfetaħ inkjesta (ara art. 31(2)), u ż-żmien li l-inkjesta, kemm-il darba tinfetaħ, trid tingħalaq (art. 31(4)). Azzjoni biex tinfetaħ inkjesta dwar imġiba ħażina jew xi nuqqas ieħor taqa' fi żmien sentejn minn dakinhar li l-kwerelant jew kwerelanti jsiru jafu jew imisshom saru jafu bil-fatt jew bl-inċident li jista' jwassal biex tinfetaħ inkjesta bħal dik jew, f'kull każ mhux aktar tard minn għaxar snin minn dakinhar li jkun seħħ il-każ jew l-inċident imsemmi. Min-naħa l-oħra, inkjesta ladarba tinfetaħ, trid tintemm fi żmien sentejn u ż-żmien jibda jitkejjel minn dakinhar li l-persuna akkużata tkun laqgħet in-notifika ta' "xi att tal-proċedimenti tal-inkjesta";

Illi, fil-fehma tal-Qorti, it-terminu li timponi l-liġi fuq il-Kunsill Mediku li fih għandha tingħalaq inkjesta għandu jwassal biex il-Kunsill iħaddem sistema effiċjenti ta' amministrazzjoni ta' ġustizzja. Id-dewmien ta' proċeduri

[16] Ara n-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-Kunsill imħarrek f'paġġ. 183 – 4 tal-proċess
[17] Ara n-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-attur f'paġġ. 251 – 2 tal-proċess

jqiegħed fil-periklu l-effettivita` u l-kredibilita` tal-ħaqq li jintalab jagħmel; joħloq tensjoni fil-persuna mixlija li titħalla fi stat ta' inċertezza fuq is-sejba tal-innoċenza jew il-ħtija tagħha u fuq x'sejjer ikun id-destin tagħha, minbarra il-fatt li jista' jħalli effett negattiv fuq il-fama tal-persuna mixlija u l-professjoni li tħaddem;

Illi l-liġi ma ssemmi xejn dwar il-mod kif il-Kunsill Mediku jmexxi l-proċeduri tiegħu kif jidhirlu. Il-liġi tħalli f'idejn il-kumitati mwaqqfa taħt il-Kunsill Mediku biex jirregolaw il-proċedura tagħhom stess[18]. Dan ifisser li l-Qorti m'għandhiex is-setgħa li tistħarreġ dwar il-proċedura li l-Kunsill imħarrek stabbilixxa u adotta biex mexxa l-inkjesta tal-attur lil hinn milli biex iqis jekk dik il-proċedura magħżula kinitx taqa' fil-qafas tal-liġi speċjali u jekk kinitx waħda raġonevoli. Li l-Qorti iżda trid tassigura huwa li l-Kunsill joqgħod maż-żmien impost mil-liġi biex jagħlaq l-inkjesta. Għaldaqstant kull proċedura li l-Kunsill għoġbu jadotta biex jaqdi l-funzjonijiet jew dmirijiet tiegħu, kellha issir fi żmien sentejn minn meta l-attur ġie notifikat bl-att tal-proċediment tal-inkjesta miftuħa kontrih, u dan iż-żmien ma jistax jinqabeż jekk mhux għal xi raġuni li ma tiddependix mill-Kunsill innifsu;

Illi f'dan ir-rigward, ingħad ukoll li ż-żmien imsemmi fl-artikolu 31(4) tal-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa huwa wieħed mandatorju (kemm hu hekk, dak l-artikolu juża l-kliem "għandu jtemm l-inkjesta") u l-eċċezzjoni li jippermetti titlob li jkun il-Kunsill li jrid iġib raġunijiet tajbin biex jiġġustifika għaliex ma jkunx għalaq l-inkjesta fiż-żmien preskritt[19];

Illi fid-dawl ta' dak li għadu kif ingħad, il-Qorti tqis li l-inkjesta nfetħet qrib nofs Awwissu tal-2007. Il-Kunsill imħarrek għarraf biha lill-attur fl-ittra tas-17 ta' Diċembru, 2007. Bejn meta saret l-ewwel seduta (4 ta' Marzu, 2008) u nżammet is-seduta ta' warajha (25 ta' Mejju, 2009) kienet għaddiet aktar minn sena. L-għadd ta' xhieda li tressqu fl-inkjesta kien wieħed żgħir tant li s-smiegħ tal-provi sar f'żewġ seduti. Ix-xhieda ntemmet fis-seduta tat-2 ta' Novembru, 2009. Dan ifisser li l-Kunsill imħarrek kellu sas-17 ta' Diċembru, 2009, biex jasal għad-deċizjoni tiegħu. Mill-provi li tressqu quddiem il-Qorti, ma ngħatat ebda raġuni tajba biex tfisser x'seta' żamm lill-Kunsill imħarrek milli jagħlaq l-inkjesta fiż-żmien statutorju preskritt. Il-Kunsill imħarrek naqas li juri li ż-żmien inħela bi ħtija tal-attur. Il-Qorti ma tistax tilqa' s-sottomissjonijiet tal-Kunsill li l-attur qatt ma lmenta mid-dewmien fl-għeluq tal-inkjesta kontrih. Fl-ewwel lok, il-Kunsill ma setax ma kienx jaf biż-żmien li l-liġi tagħtih biex jagħlaq inkjesta, u għalhekk ma kienx jeħtieġ xi lmenti min-naħa tal-attur biex isir jaf b'dan. Fit-tieni lok, meta ngħalaq l-istadju tal-ġbir tal-provi fl-inkjesta, is-sentejn ma kinux għadhom għaddew;

---

[18] Ara f'dan is-sens l-artikolu 11(3) tal-Kapitolu 464

[19] App. Ċiv. **19.7.2019** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr Frank Portelli vs Dr Josella Farruġia noe et***

Illi fid-dawl ta' dan kollu, il-Qorti tasal għall-fehma illi **t-tieni eċċezzjoni** mressqa mill-Kunsill imħarrek mhix mistħoqqa billi ma ntweriex li n-nuqqas ta' tħaris taż-żmien biex tingħalaq l-inkjesta kien ħtija tal-imġiba tal-attur jew għal xi raġuni li l-istess Kunsill ma kellux kontroll fuqha. Dan ifisser li meta ngħatat id-deċiżjoni attakkata, il-Kunsill kien qiegħed jimxi lil hinn mis-setgħat li tagħtih il-liġi;

Illi l-effett ta' għemil ta' korp maħluq b'liġi lil hinn mis-setgħat mogħtijin minn dik l-istess liġi huwa li dak l-għemil ma jkunx jiswa. Għemil li ma jiswiex ma jkollu l-ebda effett u din il-Qorti, imsejħa biex tistħarreġ dak l-għemil, għandha tiddikjarah bla effett u tħassru. Minn dan l-aspett, għalhekk, **l-ewwel talba attriċi** hija mistħoqqa u sejra tintlaqa';

Illi l-Qorti għalhekk ma ssibx li għandha għalfejn tistħarreġ l-ilmenti l-oħrajn li fuqhom l-attur ressaq il-każ tiegħu, għaliex l-effett tas-sejbien imsemmi hawn fuq iġib effett radikali fuq id-deċiżjoni attakkata. Kif se jitfisser aktar 'il quddiem f'dak li jirrigwarda t-talbiet l-oħrajn tal-attur, lanqas jeħtieġ li din il-Qorti tistħarreġ il-kawżali tan-nuqqas ta' imparzjalita` u dik tan-nuqqas ta' kjarezza tal-akkużi;

Illi fit-**talbiet attriċi l-oħrajn** l-attur irid li ssir il-likwidazzjoni u l-**ħlas lilu tad-danni** li jgħid li ġarrab b'riżultat tal-mod kif il-Kunsill imħarrek mexa fil-każ tiegħu. Għalkemm din hija azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju, ma tressqitx taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. L-attur għamel sewwa, għaliex il-Kunsill imħarrek, fl-għemil li dwaru l-attur talab dan l-istħarriġ f'din il-kawża, ma kienx qiegħed imexxi bħala awtorita` pubblika kif mifhuma f'dak l-artikolu u d-deċiżjoni li ta ma kinitx "egħmil amministrattiv". Madankollu, ukoll taħt il-proċediment ġenerali ta' stħarriġ ġudizzjarju, it-talba għal-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni tista' ssir. Dan għaliex dawk id-danni huma marbutin sfiq mar-responsabbilta` li jġorr fuqu kull korp statutorju għal għemejjel imnissla minn ħtija akwiljana. Huwa mgħallem li "*(i)t is now clear that what might be called administrative torts are a subject of importance, and often of difficulty, in administrative law. .. the remedy of damages, which has always been an essential element in the protection of the citizen against public authorities, is already gaining greater prominence as a means of ensuring that powers are exercised responsibly, in good faith and with due care*"[20];

Illi huwa minnu wkoll li l-għoti ta' danni b'kumpens għall-ħsara mġarrba minn imġiba ta' korp kważi-ġudizzjarju jitlob it-twettiq ta'

[20] HWR Wade & CF Forsyth, Administrative Law (9th Edit, 2004) paġ. 560

kundizzjonijiet mhux traskurabbli. F'kull każ, l-għoti ta' kumpens taħt l-imsemmija dispożizzjoni tal-liġi titlob li qabel kollox ikun sar proċess ta' stħarriġ ġudizzjarju li jsib li l-għemil attakkat ikun milqut b'xi nuqqas li jwassal għat-tħassir tiegħu[21]. Minbarra dan, il-bażi tal-ħsara trid tkun dik akwiljana mibnija fuq in-negliġenza jew id-dolo, u ma jidhirx li tiġbor fiha l-ħlas ta' kumpens morali[22];

Illi fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, ħareġ li d-deċiżjoni mogħtija mill-Kunsill imħarrek tabilħaqq ma tiswiex, imma mhux kull att, deċiżjoni jew għemil li jitħassar iġib miegħu awtomatikament il-ħtija akwiljana. Minbarra dan, kif ingħad qabel, meta persuna titlob il-ħlas tal-kumpens għad-danni mġarrba minħabba għemil bħal dak, jaqa' fuqha li turi bi provi tajbin biżżejjed x'ikunu d-danni li tkun ġarrbet. Din ir-regola ma hija xejn differenti minn dik mistennija f'azzjoni ordinarja ta' danni akwiljani;

Illi f'dan il-każ hemm żewġ ċirkostanzi li jwasslu lill-Qorti biex ma tgħaddix għal-likwidazzjoni tad-danni mitluba mill-attur. L-ewwel waħda hija li l-attur naqas għal kollox milli jressaq provi li tabilħaqq ġarrab danni jew fiex jikkonsistu. Ma ressaq l-ebda prova ta' telf u lanqas biss reġa' semma din iċ-ċirkostanza fis-sottomissjonijiet tiegħu tal-għeluq. It-tieni waħda hi li, minkejja d-deċiżjoni meħuda mill-Kunsill imħarrek, l-attur xorta baqa' għaddej bil-professjoni tiegħu billi d-deċizjoni ġiet sospiża minħabba li kien ressaq l-appell mid-deċizjoni[23] u hekk baqgħet il-qagħda sakemm kienet qiegħda tinstema' din il-kawża[24];

Illi għal dawn ir-raġunijiet it-**tieni, it-tielet u r-raba' talbiet** attriċi mhux ser jintlaqgħu;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tastjeni milli tqis l-ewwel eċċezzjoni** tal-Kunsill imħarrek fid-dawl tad-degriet mogħti fit-3 ta' Frar, 2011;

**Tiċħad it-tieni eċċezzjoni** tal-Kunsill imħarrek billi mhix mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt;

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** billi ssib li d-deċizjoni meħuda mill-Kunsill imħarrek fid-19 ta' Mejju, 2010, saret bi ksur tal-liġi u għalhekk qiegħda tħassarha u tiddikjaraha nulla u bla effett;

---

[21] App. Ċiv. **31.5.2013** fil-kawża fl-ismijiet ***Karmenu Mifsud vs Awtorita` dwar it-Trasport ta' Malta et***
[22] P.A. NC **22.12.2003** fil-kawża fl-ismjiiet ***Denise Buttiġieġ vs Rettur ta' l-Universita` ta' Malta et*** (mhux appellata)
[23] Xhieda tal-attur fil-kontro-eżami f'paġ. 132 tal-proċess
[24] Ara n-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-Kunsill Imħarrek f'paġġ. 189 – 190 tal-proċess

**Tiċħad it-tieni, it-tielet u r-raba' talbiet attriċi** billi ma nġabux provi ta' danni li dwarhom jeħtieġ li jkun likwidat xi kumpens;

**Tordna** li, ladarba mhux it-talbiet attriċi kollha ntlaqgħu u bi tħaddim tal-artikolu 223(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, **l-ispejjez tal-kawża** jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**13 ta' Jannar, 2022**

**Geraldine Rickard**
**Deputat Reġistratur**